Info

Salvaw it-tfal tagħna (mill-periklu tal-web)!

L-internet sar il-mezz ta' komunikazzjoni l-iktar ippreferut mill-adoloxxenti u t-tfal fl-Ewropa. Wieħed minn tnejn ikun qed jisserfja regolari d-dar, l-iskola u fiċ-ċibercafes u dalwaqt anke fuq internet. Iżda l-internet jipprovdi territorju vast, b'ħafna perikli moħbija, quddiem liema t-tfal huma vulnerabbli ħafna: stampi pornografiċi, kontenut vjolenti, paġni razzisti etc. Kif nistgħu nipproteġuhom, mingħajr ma nillimitaw il-libertà ta' l-espressjoni u neżerċitaw iċ-ċensura.

Fil-fatt huwa faċli għall-pedofilu biex jippretendi li hu xi ħadd ieħor fl-ispazji ta' diskuzzjoni, fil-websajts għal niex ta' l-istess età jew anke logħob fuq il-web. Sikwiet insibu fl-aħbarijiet l-arrest ta' attakanti ċibernetiċi li jiltaqgħu mal-vittmi tagħhom mingħajr kontroll ta' xejn fuq in-nett. Illum "li tħalli t-tfal jisserfjaw mingħajr kontroll fuq in-net bħallikieku tħallih jimxi waħdu barra fit-triq, f'ċerta pajjiżi."

Internet u t-tfal: storja ta' passjoni perikoluża?

Illum l-ambjent teknoloġiku huwa xi ħaġa naturali għat-tfal, li jesploru ħafna iktar mill-ġenituri stess. Huma tlett sitwazzjonijeit li jpoġġu lill-minuri f'periklu

- bħalha "attur" meta l-istampa tiegħu tiġi użata fil-films pornografiċi
- bħalha "spettatur" meta jisserfja fuq il-web u jkun ikkonfrontat għal immaġni li jagħmlu d-deni
- bħalha vittma potenzjal ta' predaturi fuq il-forums jew il-logħob online.

L-istatistiċi juru skond il-Membru Franċiz Marielle de Sarnez : "li t-tfal iqattgħu iktar ħin quddiem l-internet milli t-televixin. U hemm madwar 260 miljun paġna pornografika li jiċċirkolaw fuq l-internet. Għalhekk essenzjali li l-UE tadotta miżuri konkreti biex tinkuraġġixxi lill-atturi responsabbli (ġenituri, għalliema, poteri pubbliċi, forrnituri ta' aċċess għall-internet) biex jedukaw lit-tfal tagħhom."

Għal dan il-għan il-Parlament Ewropew organiżża konferenza nhar il-21 ta' Novembru. Fiha l-parteċipanti kkonkludew li ż-żewġ kunċetti, iġifieri, il-libertà ta' espressjoni u li wieħed jipprova jtejjeb il-protezzjoni tat-tfal mhumiex inkompatibbli u li l-UE tista' tikkombinahom. Nhar it-28 ta' Novembru, il-Kumitat għall-Kultura adotta kważi bl-unanimità ir-rapport ta' Sarnez (ALDE, FR).

X'tista' nagħmel l-Ewropa biex tipproteġi l-persuni vulnerabbli?

Għal xi żmien il-forrnituri tas-servizzi kienu qed jagħmlu regolazzjoni awtomatika fuqhom innifishom, adottaw il-kodiċi tal-kondotta tagħhom stess iżda dan mhux biżżejeed għal protezzjoni effiċenti. Barra dan ir-regolamenti diversi fl-Ewropa dwar l-internet u l-azzjoni kontra kontenut illegali jitolbu għal kordinazzjoni fuq livell Ewropea.

L-Unjoni ila minn 1988 taġixxi biex tipproteġi l-minuri u d-dinjità tal-bniedem. Hi adottat programm "Internet Protett"(programm attwali minn 2005-2008 b'45 miljun ewros. Iżda minħabba teknoloġiji ġodda ta' komunikazzjoni dan il-programm għandu jerġa jiġi rivedut.

Soluzzjonijiet li jeżistu u kif wieħed jista' jtejjibhom

Skond ir-rapporteur, Sarnez, ir-responsabbiltà tat-tfal taqgħa fuq tlett livelli u għalhekk hemm tlett mezzi ta' azzjoni.

- responsabbiltà tas-servizz awdjovisivi u ta' l-industrija ta' informazzjoni on-line

L-aħjar sistema ta' protezzjoni tal-filters awtomatiċi jew ta' sistemi li jibblokkaw. Hekk it-tfal ma' għandhomx aċċess għal kontenut perikoluż. Ir-rapport tal-PE jippreferi li l-fornituri ta' internet jipprovdu dan is-servizz b'xejn. Jipproponi ukoll li jipprovdi lista ta' siti b'mod regolari fejn jinforma lill-Istati Membri kontra ċerta kontenut ta' deni fihom.

- **Risponsabbiltà edukattiva**

Il-PE jitlob lill-Kummissjoni biex tibda "kampanja Ewropea ta' informazzjoni li timmira liċ-ċittadini, u li tuża kull mezz ta' komunikazzjoni biex tinforma lill-pubbliku kontra l-perikli ta' l-internet.

- **Risponsabbiltà politika**

L-awtoritajiet pubbliċi ikkreaw ċerta hotline (linji jaħarqu)li jippermettu liċ-ċittadini jċemplu biex jirraportaw attivitajiet li jissuspettaw li huma illegali jew perikolużi. Dawn il-linji mbagħad jibagħtu l-informazzjoni lill-pulizija jew l-entità kkonċernata. L-UE stabbilit Assoċjazzjoni ta' linji jaħarqu. Fl-2005 kien hemm 65,000 rapporti miċ-ċittadini u li mbagħad marru għal iktar investigazzjoni. Waqt li dan huwa sa ċerta punt suċċess, iżda ma jeżistux linju jaħarqu f'kull pajjiż.

Għalhekk l-UE qed tipproponi linji mingħajr ħlas "biex tiprovdi informazzjoni fuq metodu eżistenti li jiffiltraw."

Ir-rapport tal-PE se jiġi adottat fil-plenarja matul is-seduta ta' Diċembru.